**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 30 ta' Mejju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Anthony Cassar)**
**(Spt. Jeffrey Cilia)**

**-vs-**

**Ronnie Azzopardi**
**detentur tal-Karta tal-Identita` numru 82072M**

Kumpilazzjoni Nru. 889/03

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, talli:

1. Fuq Verdala Bormla, nhar id-29 t'Ottubru, 2003, ghall-habta ta' xi sebgha nieqsin kwart ta' filghaxija, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Kevin Attard mill-Gzira u Josef Tabone mill-Hamrun, f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt billi spara tiri t'arma tan-nar u cioe' senter tal-ghamla u registrazzjoni mhux maghrufa, fid-direzzjoni tal-imsemmija persuni, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu;
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra persuna, kellhu fil-pussess tieghu arma regolari;
3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu u garr arma tan-nar u munizzjoni, minghajr licenza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
4. U aktar talli waqt li gie fil-pussess tal-imsemmija arma tan-nar u munizzjoni, ma tax avviz immedjat lill-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq il-vetturi tal-ghamla Skoda bin-numru ta' registrazzjoni BBB-916 ghad-dannu ta' Mary Rose Cassar mill-Gzira u kif ukoll fuq Skoda Favorit bin-numru ta' registrazzjoni EAQ-687 ghad-dannu ta' Christos Karakatskos minn Bormla, liema hasara tammonta ghall-izjed minn hames mitt lira;
6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, u kif ukoll fil-jiem ta' qabel din id-data f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;
7. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-16 ta' Jannar, 2009 li nqraw nhar id-29 t'April 2009.[1]

Rat li l-imputat kien iddikjara illi huwa ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:
Ghal xi sebgha ta' filghaxija tad-29 t'Ottubru, 2003, Kevin Attard kien irraporta l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla, li meta hu kien fil-kumpanija ta' Josef Tabone, kienu gew sparati tiri fil-konfront tieghu. Attard qal li hu kien ghadu kemm hareg minn Gym u kien qed issuq Skoda bin-numru BBB-916. It-tiri li kienu gew sparati lejh kienu laqtu l-fanal tan-naha tax-xufier kif ukoll in-naha ta' quddiem tal-vettura.

Mitkellem mill-Ispettur Cilia, Attard jghid li hekk kif kien beda jsuq wara li hareg mill-gym, kien hareg l-imputat, b'wiccu mikxuf libes *boiler suit*, minn wara xi sigar u sparalu tlett tiri ta' senter. Kienu gew sparati l-ewwel zewg tiri li kienu laqtu il-vettura izda, skond Attard, kien sema tir iehor izda ma kien hass xejn fil-karozza ghax fil-fatt kien ra lill-imputat jissara mas-senter waqt li ra dahna mit-tielet tir. Hu kien baqa jsuq filwaqt li kien wissa lill-passiggier Tabone sabiex jitbaxxa that is-seat. Attard kien qieghed f'relazzjoni ma' Mary Rose Cassar, l-partner ta hu l-

[1] Fol.368A

imputat li kien miet, Jason Azzopardi. Skond Attard kien hemm xi kwistjonijiet mal-imputat dwar il-wirt ta' Azzopardi, fosthom dwar vettura Mercedes li kienet ta' Jason Azzopardi, izda li l-imputat kien insista li kien hemm arrangament ma' huh li dik il-vettura kellu johodha hu, l-imputat. Attard jidher li ma kienx jaf lil Josef Tabone izda lil huh[2] u kien offrilu *lift*. Tabone ma kien ra xejn mill-incident izda sema' lil Attard jindika li kien Ronnie li kien spara. L-imputat kien gie arrestat ghal xi l-10 ta' filghaxija fejn sussegwentement kienet saritlu stqarrija li fil-gran parti taghha ma kienx wiegeb ghad-domandi li kienu sarulu.[3]

Kevin Attard xehed li kif kien il-gym kien iltaqa' ma' bniedem, wara sar jaf li jismu Josef Tabone, u saqsih ghal fejn kien sejjer u x'hin dan kien qallu li ried imur il-Hamrun, hu offrilu *lift* peress li kien sejjer 'l hemmhekk. Kif halla l-gym u beda jsuq *"imxejt isu tul ta' karozza nara bniedem hiereg minn gos-sigar, spara l-ewwel tir, jiena xeghelt il-bright, bqajt isside tieghu, tajtha l-gass u spara zewg tiri ohra, u x'hin wasalt mieghu baqa' jilghab mas-senter, ghax tfajt ghajnejja fuqu mill-ewwel. U kien Azzopardi, dan. Jien nafu"*[4] Attard jispjega li meta kien qed jisparalu l-imputat li kien libes *boiler suit* blu jew sewda, kien tefa s-senter ma zaqqu.[5]

Attard jghid li jumejn qabel l-isparatura, Mary Rose Cassar u l-werrieta ta' Jason Azzopardi, in-nisa tieghu w uliedu, kienu rebhu il-kawza fuq il-Mercedes. Effettivament id-dizgwid kien bejn Cassar u l-imputat izda, peress li Kevin Attard kien beda jiffrekwenta lil Cassar, l-imputat kien qed izzeffen lilu fin-nofs: *"Imma lili jsemmi. Dejjem iddahhal lili."*[6] Attard kien ta x-xhieda tieghu lil espert tekniku Dr Stefano Filletti fejn fost ohrajn jiddikjara *"F'daqqa wahda certu Ronnie Azzopardi li jien gharaft, hareg minn gos-sigar li kien hem fuq il-lemin tieghi. Jien dak il-hin kont ghaddejt bil-bright u stajt nara lil Ronnie sew...qabez minn gos-sigar u gie fuq il-bankina. Jien dak il-hin kont vicin il-bankina...F'idejn Ronnie rajt senter. Nghid li wicc Ronnie ma kienx mghotti. Ronnie dak il-hin kien 'il-boghod minni biss tul ta' karrozza...Dan nafu ghax wiccu stajt narah sew...Jien bqajt inhares lejh u nsuq....imbaghad smajt it-tielet kolp. Nghid li din kienet differenti mill-isparaturi l-ohra peress li fit-tielet wahda rajt cappa nar. <u>Nghid li ma l-ahhar tir Ronnie ghamel zewg passi lura biex jehodni zgur...baqa jissara mas-senter u jien soqt l-hemm</u>."*[7]

Josef Tabone jixhed kif fid-29 t'Ottubru, 2003, kien ftiehem ma' Attard li kellu jwasslu l-Hamrun. Jghid li hekk kif Attard kien startja, id-dawl tal-vettura kien inxteghel u saq distanza zghira, inhassew tlett tiri.[8] Kien Attard li kien qal kliem

[2] Fol.33
[3] Dok. JC;Fol.14 et seq
[4] Fol.22
[5] Fol.23
[6] Fol.24
[7] Fol.115
[8] Fol.32

fis-sens li kien Ronnie li spara izda hu lill-imputat ma rahx u ma kienx jafu. Kien ilu jmur dak il-gym gimghatejn u dakinhar kienet l-ewwel darba li tkellem ma' Attard ghalkemm wiccu kien jafu ghax kien jaf lil huh u kien gieli rah il-Hamrun. Jispjega kif ra dawl mit-tiri gejjien lejn in-naha tad-driver.[9] Izid li l-*gym instructor* kien offrilu li jwasslu lura d-dar hu jew jnizzlu Kevin izda dakinhar kien Kevin, li kien jaf li Tabone kien habib ta' huh, li mar fuqu u offra sabiex iwasslu. Jghid li hekk kif instema' l-ewwel tir, Kevin nizzel 'l isfel lil Tabone.[10]

PC953 Lawrence Cassar jispjega li kien inghata struzzjonijiet sabiex imur fl-indirizz residenzjali tal-imputat u fil-fatt hekk kif l-<u>imputat, li kien wahdu, wasal lura id-dar</u>, hu kien informa b'dan l-Ghassa ta' Bormla li sussegwentement kienu arrestawh. [11] Jghid li l-imputat kellu xi haga f'idejh li kien fiha *"two and a half feet by one foot"*, li kienet hafifa ghax tefaghha minn id ghall-ohra. Ma setghax jiddistingwi x'kienet u jeskludi li kienet arma.[12]

L-espert ballistiku, il-Brigadier Maurice Calleja li flimkien ma' PC 560 Joseph Farrugia ezaminaw il-vetturi milquta minn tiri jirrapurtaw kif il-vettura Skoda BBB-916 *"kienet milquta minn x'aktarx zewg tiri ta' senter tal-kacca. It-tiri laqtu l-fanal ta' quddiem fuq in-naha tal-lemin, il-grill, il-bumper kif ukoll in-number plate.*[13] Kienet intlaqtet minn ftit comb minn taht. Kienu gew sparati biss zewg tiri minn distanza ta' bejn 10 u 18 il-metru[14]. Giet innutata wkoll Skoda FAQ-687 li kienet milquta minn xi 10 combiet ta' senter tal-kacca. Minn ezamijiet ballsitici irrizulta li z-zewg skratac misjuba fuq ix-xena kienu gew sparati mill-istess senter tal-kacca li kien wiehed tat-tip *semi-automatic*.[15] Riferenza ssir ghax-xhieda ta' Attard *"L-ahhar tir gejt isu tul ta' karozza u nofs?".*[16]

Christos Karamatskos jixhed li l-hsara kkagunata fuq il-vettura tieghu giet tiswa mija u hamsin Lira (LM125).[17]

L-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud kkonkluda fir-rapport tieghu Dok. MMW[18] li minn swabs mehuda minn fuq <u>wicc</u> l-imputat instabu b'kollox disa' particelli li kienu indikattivi. Fuq ix-<u>xaghar</u> instabu zewg particelli unici kif ukoll hdax-il particella indikattiva. Instabu aktar particelli indikattivi fuq <u>l-id il-leminija kif ukoll l-id ix-xellugija</u>. Instabu aktar particelli indikattivi ta' *gun shot residue*

[9] Fol.33
[10] Fol.36
[11] Fol.38
[12] Fol.39
[13] Fol.52
[14] Vide xhieda ta' Kevin Attard
[15] Fol.56
[16] Fol.28
[17] Fol.83
[18] Fol.244

minn pulzier tal-lemin ta' flokk, mill-qalziet minn quddiem u minn wara kif ukoll fuq il-but tal-lemin tal-qalziet. Particelli indikattivi instabu wkoll fuq il-pum u l-*gear lever* tal-vettura.[19] Ma nstabux particelli minn fuq swabs mehuda minn imnieher u widnejn l-imputat. Dwar dan il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li xehed Attard meta qal li s-senter kien qed jinzamm ma' zaqq l-imputat.[20] Tajjeb jinghad li l-hwejjeg li nstabu bil-particelli fuqhom kienu fil-fatt *tracksuit* (top u qalziet ta' **lewn blu skur** bil-qalziet ukoll blu skur izda bi strixxi grizi fil-genb tal-qliezi).[21] **Il-Qorti hawnhekk bilfors trid tirrimarka li tali tracksuit tixbah hafna *boiler suit* ghall-kulur u ghamla taghha,** hekk kif setghet tikkonstata mill-esebiti nru. 03 CVW RA 02 enumerati bhala 763/06/02 u 763/06/03.[22] Attard kien qal li l-imputat kien libes boiler suit blu jew sewda.

WPC 123 Janet Chikala kkonfermat li l-imputat ma kienx titolari ta' xi licenzja dwar armi.[23] Mary Rose Cassar li kienet is-sid tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBB-916 tixhed li l-hsara fuq il-vettura taghha kienet tammonta ghal madwar mitejn Lira Maltin (LM200)[24]

L-imputat ghazel li jixhed u jispjega kif kien intlahaq ftehim ma' huh Jason li l-imputat kellu jiehu l-Mercedes u li ghalhekk meta Attard tgħarraflu li din il-Mercedes kienet ser tinbiegh, hu kien hadha kemmxejn hazin l-ahbar. Jghid li Attard qal b'dan lil Mary Rose Cassar u minn hemm beda jinqala' hafna nkwiet.[25]Il-karozza kienet bdiet tintuza minn Kevin Attard li ukoll kien beda jiehu hsieb flats fi Triq Testaferrata, il-Gzira. L-imputat jixhed li dakinhar tad-29 ta' Ottubru, 2003, kien telaq minn daru ghal xi 8am u mar ghand ommu, li toqghod il-Housing Estate ta' Haz-Zabbar, sabiex ibbidlilha l-kamra tal-banju. Minn fejn kien jirrisjedi f'San Nikola, Bormla sa ghand ommu hu jghid li *"hames (5) minuti triq hemm"*.[26]Dakinhar hu kien qala l-kamra tal-banju bil-madum b'kollox, biddel kanen hziena u baqqana kollha biex issir madum gdid. Jghid li dam ghand ommu sa xi l-5pm fejn imbaghad mar lura f'daru biex jinhasel peress li ried imur jara xi kmamar tal-banju. Kien rega' rritorna d-dar ta' ommu biex igib xi karti li ried jiehu mieghu ghand tal-kmamar tal-banju peress li ried juza xi skema tal-Gvern fejn wiehed jinghata sussidju. Jghid li dan gara ghal xi 6pm jew is 6.15pm. L-imputat jghid li kienu saru xi 6.30pm meta hu mar ghand Alex Mercieca Bathrooms li jinsab iz-Zejtun *"..kien hemm certu wahda jisimha Priscilla, t-tifla ta' Alex Mercieca Bathrooms. It-Tifla tieghu. U tkellimt maghha kont. U accettat, qaltli*

---

[19] Fol.241-242
[20] Fol.22-23
[21] Fol.239
[22] L-istess esebiti jinsabu esebiti fir-Registru ta' dawn il-Qrati bhala Dok. RA15/07
[23] Fol.338-339
[24] Fol.356-7
[25] Fol.391
[26] Fol.395-6

*all right".*[27]Minn hemm kien se jsuq lejn Paceville biex jiltaqa' ma' John Fitz tal-Freephone Taxis izda *"ftakart li kelli l-guh u anke Rita kellha l-guh"* u waqaf jixtri minn *take-away* faccata ta' Manoel Island fi Triq ix-Xatt. Minn hemm baqa' sejjer Paceville. L-imputat jghid li hu kien qed isuq il-vettura ta' Rita, Hyundai Excel griza.[28]

Kif wasal Paceville lemah lil Sean Fitz, bin John Fitz, li nfurmah li kien sema' li hu kien spara fuq Kevin il-Fly (Attard). Kif sema' dan l-imputat rega' dar lura peress li kellu hinijiet ghar-rinkazar. L-imputat jghid li wara li kien mar id-dar jinhasel kien mar ghal Rita Azzopardi, bil-vettura taghha,[29] u li din kienet mieghu x'hin marru iz-Zejtun kif ukoll meta waqaf ghand it-*take-away* u Paceville. Jghid li filwaqt li hu rritorna d-dar Bormla, *"Imbaghad Rita kienet sejra d-dar taghha bil-karozza taghha."*[30]

Il-Qorti tinnota ***izda l-imputat kien wasal lura d-dar wahdu bil-vettura Hyundai Excel li hu jistqarr kienet ta' Rita.*** *Jekk wasal Bormla bil-karozza ta' Rita, u jekk skond hu Rita kienet ser tmur lejn darha bil-vettura taghha, fejn kienet baqghet Rita?* PC953 jghid li hu kien wasal l-ghassa f'xi 9.30-9.45 minn fejn intbaghat jghasses ir-residenza tal-imputat, izda ma sabx il-post mill-ewwel. Hekk kif lemhu jasal wahdu, rraporta b'dan l-ghassa li imbaghad nizlu w arrestawh.[31] L-Ispettur Anthony Cassar jixhed li ghall-habta **tal-ghaxra (10pm)** ta' filghaxija Ronnie Azzopardi kien rritorna lura fir-residenza tieghu minn fejn gie arrestat.

Bhala raguni ghaliex fuq persuntu kienu nstabu tracci ta' porvli l-imputat jispjega li minn zmien ghal zmien kien imur ma' xi hbieb tieghu ghall-kacca. Izid li Attard kien jaf b'dan u ghalhekk kien jaf ukoll li jekk issirlu xi test ghall-porvli dan kien jirrizulta fil-posittiv.

In kontroezami l-imputat, li aktar kmieni d-difiza tieghu kienet qalet li l-kawza civili fuq il-vettura Mercedes kienet ghadha ma gietx deciza *(Qorti: Illum l-gurnata nqatghet? Difiza: Ma nqatghetx. Ma nqatghetx."),*[32]jaghti l-impressjoni li ma kienx jaf li l-kawza fil-fatt giet deciza jumejn qabel ma sehhet l-isparatura *"Le ma kontx naf biha".*[33] Jirrizulta izda li waqt l-interrogatorju kien sar riferenza ghall-fatt li l-imputat kien ben konxxju ta' dan il-fatt.

[27] Fol.398
[28] Fol.397
[29] Fol.409
[30] Fol.400
[31] Fol.37-8
[32] Fol.393
[33] Fol.405

L-imputat jsostni li kien halla d-dar t'ommu biex mar jinhasal qabel ma ghadda ghand Rita u flimkien marru jduru *"erba (4) showrooms u nara minn jista jaghti lil ommi bis-sussidju.....kienu saru l-hamsa (5:00), l-hamsa u kwart (5.15)".*[34]Izid li kien wasal id-dar ghal xi 8 *"....U zgur mela".* Meta mistoqsi meta kien fil-kumpanija ta' hbiebu l-kaccaturi l-imputat sab diffikulta` kbira jaghti risposti.[35] L-imputat ukoll ssib diffikulta` jiftakar dwar il-fatt li kienu nstabu particelli tal-GSR f'xaghru izda jammetti li xaghru kien jahsilha kuljum.[36] Jghid li kien waqaf jiekol it-*take out* fil-vettura tieghu qrib il-hanut Step-On u li meta wasal lura d-dar hu kellu f'idu il-kaxex tat-*take out* izda mhux sorra b'xi hwejjeg.[37] Jammetti li dakinhar li saret it-tfittxija go daru kellu hwejjeg li kienu ghadhom mxarbin, minxurin izda ma jiftakarx li kien hemm hwejjeg ohra li kienu mahmugin izda mhux mahsulin, lanqas ma ftakar min u x'hin effettivament hassilhom u naxxarhom.[38]

L-imputat ma setax jaghti spjegazzjoni ghall-allegazzjoni tieghu li Attard kien ivvinta l-istorja li kien hu li spara lejh u dan meta fi kliemu l-uniku dizgwid li kien hemm ma' Attard kien dwar il-vettura Mercedes li ntrebhet mis-siehba ta' Attard jumejn qabel, anzi jtenni *"Ma kellux ghalfejn hux."*![39] Iktar tard jghid *"Ma jistax ikun li bniedem jispara ghalik b'senter u ma jolqtokx. B'senter qed nghidu."*

Rita Azzopardi ttelghet bhala xhud in difeza u tistqarr li Ronnie kien halla darhu f'xi tmienja ta' filghodu u rritorna x'il-hamsa ta' filghaxija. Tixhed li hi kienet prezenti meta Ronnie rritorna *"Ehe imbaghad meta Ronnie gie d-dar, qaghad jinhasal u mbaghad niftakar li konna morna d-dar ghand ommu…"* izda fix-xhieda tieghu Ronnie kien qal li Rita ma kenitx mieghu tant li ghadda ghaliha: *"Mort id-dar tieghi, inhsilt id-dar u niftakar li kont cempilt lil Rita biex nistaqsiha jekk tridx tigi mieghi..imbaghad niftakar mort ghar-Rita jiena u mort ghand ommi"*. [40] Rita tghid li ghal xi sebgha nieqes kwart kienu wasslu ghand Mercieca Bathrooms u li kien ghal xi sebgha u ghoxrin jew is-sebgha u nofs x'hin wasslu ghand l-StepOn take away. Minn hemm marru Paceville. Tixhed li hekk kif rritornaw lura ghal xi d-disgha neqsin kwart, Ronnie gie mwaqqaf minn persuna pajzana. Tinsisti li Ronnie dejjem kien fil-kumpanija taghha.[41]In kontro-ezami tghid li hi kienet hasslet il-hwejjeg *"Jiena kont id-dar qed nahsel."*[42] pero l-imputat kien qal li kien hu li hasel hwejjgu ghax *"peress li jien nghix wahdi, il-hwejjeg li jkolli dak il-hin naqbadhom, inlahlahom fhimt. Naqbad inlahlahom u nahsilhom."*[43]

[34] Fol.409
[35] Fol.410-413
[36] Fol.413
[37] Fol.414
[38] Fol. 415
[39] Fol.419
[40] Fol.397
[41] Fol.450-451
[42] Fol.454
[43] Fol.415

Frans Farrugia jixhed li kienu ghal **xi sebgha, s-sebgha u kwart** meta Kevin Attard kien cempillu u gharrfu li Ronnie Azzopardi, li kien jafu ghax hu kien jahdem ma' Freephone Taxis u kienu bieghulu Mercedes, kien spara fuqu. Minn naha tieghu dan cempel lil Sean Fitz li qallu biex jiltaqghu Paceville, u dan hekk ghamel wara li dahhal iz-zwiemel ir-remissa. Sean Fitz kien qallu li ma setghax kien Ronnie peress li kien ltaqa' mieghu u filfatt meta rega' staqsa lil Attard, dan insista li kien l-imputat li sparalu.

Sean Fitz xehed li l-kumpanija Freephone Taxis kienet bieghet karozza lill-imputat. Jiftakar li l-imputat kien mar ikellmu wara s-*shift* tas-6pm u kien kelmu b'certa kalma u qatt ma wera ruhu eccitat.[44] Dwar il-hin li mar ghandu l-imputat dan jinsisti li kien xi hin wara is-sitta izda ma setghax jaghti hin aktar preciz. Galadarba Frans Farrugia jixhed li hu kien ircieva t-telefonata f'xi hin wara s-sebgha ta' filghaxija, u li sussegwentement kien mar Paceville hu stess, il-hin meta l-imputat ltaqa' ma Fitz jidher li sehh xi hin wara li kienu saru is-sebgha jew is-sebgha u kwart. Dan johrog mix-xhieda ta' Priscilla Mercieca Gauci.

Fil-fatt Mercieca Gauci tixhed li l-imputat kien mar ix-*showroom* taghhom x'hin kienet ser taghlaq il-hanut u ghalhekk il-hin kien **xi sebgha is-sebgha u kwart (7-7.15pm).** Tghid li kien hemm xi hadd bilqieghda fuq l-ghatba wahdu u talabha taqdih. *"...dahal gol-hanut* ***wahdu kien****....Dahal u ghidtlu li ma nistax naqdieh u mbaghad telaq l'hemm u komplejt naghlaq."* Mix-xhieda taghha ghalhekk jirrizulta car ghalhekk li l-imputat kien mar **wahdu ghand Mercieca Bathrooms u dan kien ghal xi 7pm jew is-7.15pm.**

Kif diga nghad l-imputat jinsab akkuzat principalment bir-reat ta' offiza gravi, 'l hekk imsejjha gravissima. Fil-kaz odjern izda Attard ma soffra ebda griehi peress li t-tiri laqtu biss il-vettura misjuqa minn Attard kif ukoll vettura pparkeggiata fil-vicinanzi tal-isparatura. Ser issir riferenza ghad-decizjoni **Il-Pulizija vs Jonathan Gatt:**[45]

"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: "*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise*

[44] Fol.469-471

[45] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 9.07.2012

*to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*" (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid "*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply* ***in dubbio pro reo****.*"

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:
"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I* (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:
"*Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.*" (sottolinjar tal-Qorti).

U ikkonkludiet: "Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."".[46]

## Ssir riferenza ukoll ghar-ragunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali f' **Il-Pulizija vs Saviour Xerri:**[47]

"Issa huwa minnu li f'materja ta' offizi fuq il-persuna li ma jkunux akkompanjati mill-intenzjoni specifika tal-aggressur li joqtol jew li jpoggi l-hajja tal-vittma f' perikolu car, japplika l-principju li *"dolus indeterminatus determinatur ab exitu"*, pero', kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, jistghu jirrizultaw cirkostanzi li jikkonvincu lillgudikant sal-grad tac-certezza morali, fejn l-offiza li tkun irrizultat tkun ta' natura hafifa, li l-intenzjoni tal-aggressur ma kienetx biss dik li jikkaguna offiza ta' natura hafifa jew intenzjoni generika li

[46] Ara ukoll Il-Pulizija vs. Emanuel Bonnici, 13.07.2005; App. Krim.
[47] 24.02.2010; App. Krim

jikkaguna xi xorta ta' offiza, imma wahda specifika li jikkaguna offiza ta' natura gravi.Hawnhekk tkun ipotizzabbli l-imputazzjoni tat-tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna.

Din il-Qorti taqbel mal-appellant li normalment min jaqbad strument jaqta' w bil-ponta bhal ma huwa mus, biex jaghti bih ikollu intenzjoni li jferi serjament lil dak li jkun u mhux biex jaghmillu xi girfa superficjali. Hu minnu li f' dan il-kaz il-ferita kienet fl-arti inferjuri, pero' huwa risaput li anki flarti jkun hemm *blood vessels* bhal arterji jew vini principali, nervituri w sistema ta' muskoli li, jekk jigu perforati jew imcarrta, jistghu facilment iwasslu ghal konsegwenzi ferm serji. Kienet korretta l-Ewwel Qorti meta qalet li biex jissussisti r-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi jinhtieg li tirrizulta intenzjoni specifika li tigi kagjonata tali offiza gravi w mhux biss intenzjoni generika li twegga' lil dak li jkun, pero' tali intenzjoni specifika tista' tigi dezunta mic-cirkostanzi bhal ma huma x-xorta tal-arma li tkun intuzat. Tista' ukoll tigi dezunta min-natura tal-ferita innifisha. Altru girfa superficjali bhal dik li tigi kagjonata minn min ikun qed ixejjer b' mus aktar biex ibezza' jew biex izomm l-avversarju tieghu 'l boghod minnu w altru *"stab wound"* kif irrizulta f' dan il-kaz.".

Illi maghmul din l-esposizzjoni legali, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta' dan il-kaz bil-ghan li jigi stabbilit jekk f'dan il-kaz tistax tirrizulta htija ghall-imputazzjoni ta' tentattiv ta' offiza gravissima fil-konfront ta' l-imputat hekk kif indikat fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali. Illi kif diga nghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravissima l-prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma jew vittmi tieghu. Illi fil-kaz in dizamina ghalhekk l-prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova illi l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Kevin Attard.

L-imputat, b'wiccu mikxuf, spara zewg tiri fid-direzzjoni ta' Attard, filwaqt li t-tielet tir ma laqghatx il-vettura ta' Attard. Fi kliem l-esperti ballsitici x'aktarx it-tiri gew sparati meta l-karozza kienet xi 20 metru 'l boghod u sussegwentment it-tieni tir meta din kienet 10 metri 'l boghod. Dan jikkorobora dak li xehed dwaru Attard. L-istess Attard fix-xhieda minn tieghu kien spjega: *"Nghid li ma l-ahhar tir Ronnie ghamel zewg passi lura biex jehodni zgur...baqa jissara mas-senter u jien soqt l-hemm."*[48] Attard jispjega li meta kien qed jisparalu l-imputat li kien libes boiler suit blu jew sewda, kien tefa' s-senter ma' zaqqu.[49] Filfatt kif gja osservat il-Qorti l-esebiti li minn fuqhom ittiehedu diversi swabs kif gja nghad li nstabu posittivi ghal *gun shot residue*, kienu flok u qalziet ta' lewn blur skur hafna li l-ghamla u kulur taghhom huma simili ghal kulur normalment assocjat ma' boiler suit.[50]

Il-verzjoni ta' Rita Azzopardi hija inverosimili ghal diversi ragunijiet. Kif jirrizulta mix-xhieda ta' Priscilla Mercieca mhux minnu li hi akkumpanjat lill-imputat

---

48 Fol.115
49 Fol.23
50 Esebit nru. 03 CVW RA 02 enumerati bhala 763/06/02 u 763/06/03

ghand Mercieca Bathrooms; ma kenitx mal-imputat meta rritorna d-dar ghal xi l-10pm, ghax l-imputat stess jghid li hu kien qed juza l-vettura taghha filwaqt li jghid li hi rritornat lejn darha izda ma jsemmix kif ghamlet dan. Kif jirrizulta mix-xhieda ta' PC 953 l-imputat wasal id-dar bil-vettura ta' Rita Azzopardi wahdu.[51]

It-tracci tal-*gun shot residue* (GSR) misjuba fuq hwejjeg tal-imputat (li Attard iddeksirva sewwa hafna) kif ukoll fuq persuntu, tenut kont li fi kliem l-imputat "*peress li jien nghix wahdi, il-hwejjeg li jkolli dak il-hin naqbadhom, inlahlahom fhimt. Naqbad inlahlahom u nahsilhom.";*[52] il-fatt li Attard gharrfu ghax kellu wiccu mikxuf, ghandhom valura probatorju qawwi. Ma' dan jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li filwaqt li l-imputat jghid li fil-hin tal-isparatura hu kien ghand Merciceca Bathrooms ma' Rita Azzopardi, dan ma jirrizultax. Jirrizulta li hu mar ghand Mercieca Bathrooms wahdu u kien definittivament bejn is-7pm u is-7.15pm ghaliex kienu kwazi lahqu ghalqu. Dan kollu jwassal lill-Qorti sabiex temmen lil Attard, li certament ma kellux ghaliex jivvinta storja bhal din fuq l-imputat – il-Qorti kienet iddecidiet li l-oggett li dwaru kien inqala' d-dizgwid, il-vettura Mercedes, kienet tappartjeni lill-eredi ta' huh u mhux lilu.

Ghalhekk mill-assjem tal-provi u senjatament mid-depozizzjoni tal-istess vittma, l-intenzjoni specifika mehtiega bil-ligi u bil-gurisprudenza sabiex l-akkuza tat-tentattiv ta' l-offiza gravi, ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kap.9, Ligijiet ta' Malta, tirnexxi, giet ippruvata. Fi kliem l-imputat *"Ma jistax ikun li bniedem jispara ghalik b'senter u ma jolqtokx. B'senter qed nghidu."*[53]

L-imputat jinsab akkuzat bl-addebitu tar-recidiva ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Illi fl-atti giet ezebita sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali datata is-26 ta' Lulju, 1999,[54] li dwarha id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-prova tal-identita` hekk kif registrat fil-verbal tat-28 ta' Marzu 2008.[55]Id-difiza kienet ezentat il-prosekuzzjoni mill-prova tal-identita` tal-imputat.[56] L-imputat odjern kien wehel hames mitt Lira Maltin (LM500). Ghalhekk l-imputat qed jinsab li huwa recediv a tenur ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Illi rigward il-piena l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li dan il-kaz jirrisali ghal 2003 fejn il-prosekuzzjoni mhux dejjem mexxiet l-proceduri bic-celerita` li proceduri penali jirrikjedu, kif ukoll ta' n-natura tar-reati li taghhom qed jinsab hati l-imputat u l-fatt li l-imputat huwa recidiv.

---

[51] Fol.37-38
[52] Fol.415
[53] Fol. 419 et seq.
[54] Dok.P; Fol.307
[55] Fol.331
[56] Verbal 20 t' April 2009

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 218, u 325[57] tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 2, 3, 9, 13, 19 u 26 tal-Kap.66, l-hekk imsejjha l-Ordinanza dwar l-Armi, llum l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 ta` l-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah sitt (6) snin prigunerija.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' elf, hames mija sebgha u erbghin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€1,547.45) rapprezentanti sitt mija u erba u sittin Lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (LM664.32), hlas ta' l-ispejjez tal-esperti mahtura. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[57] Hekk kif kien jaqra qabel l-emendi bl-Att XXIV tal-2014